III.

## LIL KEATS FL-AĦĦAR SIGĦAT TIEGĦU

*Wara li ħriġt qalbek bħal nixxiegħa*
*ta' għana hekk sabiħ, hekk helu w ċar,*
*u ħloqt kotriet ta' ward b'nifs ir-Rebbiegħa*
*b'ħeġġa li tisboq l-ilsna qliel tan-nar,*
*narak, oh Keats!, b'dawn l-itfri, f'dik is-siegħa*
*meta l-mard kiefer ma' żgħużitek dar,*
*narah bil-qajl il-qajl qiegħed jitfiha*
*u ħolmok magħha jdub u jgħib fiċ-ċpar:*

*Oh! li kont Severn, ħdejk fil-belt ta' Ruma,*
*b'ħarsti mbikkija msammra fuq dik tiegħek —*
*ħarsa ta' ħajja li da'qt tkun mitmuma,*
*ħalli kont nitlob ħniena lin-Natura*
*li tgħajjxek hieni b'Fanny ġewwa driegħek,*
*imqar jekk flokok jien immut bla sura!*

8/8/50. MANWEL CASSAR.

## THEWDIN

(wara li qrajt il-poeżija
bl-Ingliż "Lord Randal")

*Xinhu dal-taħbit li qed nisma' f'widnejja?*
*Xi ħadd qed iħabbat...... hemmhekk, wara l-bieb!—*
*Mhu xejn, maħbub ibni, midd rasek u orqod,*
*Ma jien nisma' xejn ħlief il-biki ta' klieb.*

*Għid, ma, għid xinhu dal-taħbit li qed nisma'?*
*Xi ħadd qed iħabbat...... hemmhekk, wara l-bieb! —*
*X'int iblah, min tridu dal-lejl iħabbtilna?*
*Serraħ rasek fuq sidri, u neħħi dal-ħsieb.*

*Mur iftaħ, mur iftaħ, iddumx, qed jistenna,*
*Xi ħadd qed iħabbat...... hemmhekk, wara l-bieb! —*
*Dan kollu delirju. Dan ħolm. Strieħ u orqod*
*Ħalli għada tqum tiġri w tiltaqa' mal-ħbieb.*

*Naf, ma, jien wasal fl-aħħar liwja ta' ħajti,*
*Xi ħadd qed jimbotta w jed jiftaħ il-bieb! —*
*Le, ibni, int għadek fl-aħjar ta' żgħużitek,*
*Għad baqa' biex tagħlaq ta' ħajtek il-ktieb.*

*Warrab, nitolbok, did-dehra minn moħħok,*
*Irridek li tfieqli, irridek titjieb. —*
*Tard wisq, għażiż'ommi...... hemm, ara, l-Mewt riesqa......*
*Bla kliem u bla sliem qiegħda tiftaħ il-bieb.*

27/2/50 ĠUŻE' CHETCUTI.